MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 165/2011

**A B**

**vs**

**C D , id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-8 ta' Awissu 2011 l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-intimata u l-intimata kellha tarbija bl-isem ta' E B;

Illi l-esponenti haseb li din it-tarbija hija wild tieghu;

Illi wara li l-esponenti ghamel it-testijiet tad-DNA flimkien mat-tarbija irrizulta illi t-tarbija ma kienitx wild tieghu;

Illi l-esponenti lahaq iccertifika li l-minuri E hija wild tieghu u rrikonoxxieha bhala li huwa l-missier naturali fuq ic-certifikat tat-twelid;

Illi l-esponenti jixtieq li jitnehha ismu minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta’ E B fejn jidher illi huwa l-missier u jitnehha ukoll il-kunjom tieghu mill-isem tat-tarbija minhabba l-fatt li huwa mhuwiex il-missier naturali;

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddeciedi u tordna :

1. Illi jigi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi E B mhix wild naturali tar-rikorrenti u dan okkorrendo s-sottomissjoni tal-rizultati tat-test tad-DNA liema test gja sar;
2. Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E B billi fejn hemm miktub li l-isem il-missier huwa r-rikorrenti A B dawn jigu imhassra u jigi mnizzel illi l-minuri imsemmi huwa ta’ missier mhux maghruf;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Gerald Bonello, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri E a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi hu u C D kellhom relazzjoni intima u irrizulta illi f'xi hin C D harget tqila. Huwa assuma illi t-tarbija kienet tieghu u accetta li jaghti ismu lit-tarbija fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija illi ghalhekk hadet l-isem

ta’ E B.  L-attur kompla jixhed illi huwa kellu dubju it-tifla kienitx tieghu jew le, C D accettat illi taghmel it-test tad-DNA u irrizulta minn dan it-test illi t-tarbija ma kienitx wild tieghu.  Ghalhekk l-attur xehed illi kellu jaghmel din il-kawza sabiex inehhi isem it-tarbija minn ismu.

Il-Qorti rat illi l-konvenuta C D tat ruhha b’notifikata bl-atti kollha ta’ din il-kawza u illi permezz ta’ Nota ta’ l-1 ta’ Novembru 2011 ammettiet it-talbiet kollha tal-attur, izda ikkontestat l-ispejjez.

Rat il-verbal taghha tal-25 ta’ Jannar 2012, li permezz tieghu il-partijiet qablu illi l-ispejjez tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta C D, u l-ispejjez tal-partijiet jibqghu bla taxxa u illi l-ispejjez li ghamel l-attur ghat-testijiet tad-DNA ikunu a karigu tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni tal-konvenuta C D il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi E B mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku  sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri E B billi fejn hemm miktub li l-isem il-missier huwa l-attur A B, dawn il-kliem jigu imhassra u jigi mnizzel illi l-minuri hija wild missier mhux maghruf.  Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u illi l-ispejjez tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attur u il-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------